A.L. 14 ta' l-1987

ATT TA' L-1987 DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI

(ATT NRU. X TA' L-1987)

Regolamenti ta' l-1987 dwar l-"Allowances" tat-Tfal

Data ta' bidu fis-seħħ: 1 ta' Jannar, 1987

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 90 ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1987 dwar l-*Allowances* tat-Tfal.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti —

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali;

"*allowance*" tfisser *allowance* li titħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli minn 83 sa 90 ta' l-Att; u

"mara" għandha l-istess tifsir bħal dak mogħti lilha bl-artikolu 88 ta' l-Att.

Dritt tar-rikorrent li ma jkunx persuna assigurata.

3. Bla ħsara għal kull kondizzjoni magħmula bis-saħħa ta' jew taħt l-Att, kap ta' familja jkollu dritt li jagħmel talba għal *allowance* minkejja li ma jkunx la persuna mpjegata w anqas persuna li timpjega lilha nnifisha jekk ikun qed jirċievi xi pensjoni (b'esklużjoni ta' pensjoni għall-inkapaċità meta l-grad ta' l-inkapaċità jkun stmat bħala inqas minn 100%) jew għajnuna soċjali mħallsa taħt l-Att.

Residenza f'Malta tar-rikorrent.

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kap ta' familja għandu jitqies li jirrisjedi f'Malta jekk fil-fatt ikun preżenti f'Malta.

Impjegati taġ-Gvern li jaħdmu barra minn Malta.

5. Kap ta' familja mpjegat mal-Gvern ta' Malta għandu jitqies li jirrisjedi f'Malta għal kull perijodu li matulu jkun qed jirrisjedi barra minn Malta jekk —

(a) ir-residenza tiegħu barra minn Malta tkun konsegwenza ta' l-impieg tiegħu mal-Gvern ta' Malta;

(b) kien jirrisjedi f'Malta qabel l-imsemmi mpieg tiegħu.

Baħrin.

6. Kap ta' familja li jkun impjegat bħala membru ta' l-ekwipaġġ ta' xi bastiment għandu jitqies li jirrisjedi f'Malta matul kull perijodu li jkun barra minn Malta għall-finijiet ta' l-impieg tiegħu jekk it-tfal li dwarhom tkun qed tintalab *allowance* jirrisjedu f'Malta u jkunu ilhom hekk jirrisjedu kontinwament matul l-aħħar tliet xhur minnufih qabel id-data tat-talba.

Persuni li jaħdmu barra minn Malta.

7. Kap ta' familja li jaħdem barra minn Malta iżda li hu ordinarjament residenti f'Malta għandu jitqies li jirrisjedi f'Malta matul kull perijodu li matulu jkun qed jirrisjedi barra minn Malta għall-finijiet ta' dan l-impieg.

Persuni assenti minn Malta minħabba kura medika.

8. Sabiex jiġi stabbilit jekk kap ta' familja huwiex jew kienx jirrisjedi f'Malta, nuqqas minn Malta ma għandux jiġi meqjus jekk tingħata prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur tas-Servizzi Soċjali li dak in-nuqqas huwa jew kellu x'jaqsam ma' kura medika barra minn Malta.

Tul ta' nuqqas minn Malta.

9. Kap ta' familja li jkun nieqes minn Malta għandu jitqies li jirrisjedi kontinwament f'Malta —

(a) (i) meta dak il-perijodu ta' nuqqas ma jkunx iżjed minn tliet xhur; jew

(ii) meta żewġ perijodi jew aktar ta' nuqqas ma jkunux b'kollox jaqbżu iktar minn sitt xhur f'sena kalendarja; u

(b) jekk id-Direttur ikun sodisfatt li dak il-kap ta' familja jkun għal btala; jew

(ċ) fil-każ ta' emigrant *bona fide,* meta l-familja tiegħu tkun għadha tirrisjedi f'Malta.

Tfal neqsin minn Malta.

10. Id-dritt għall-*allowance* ma jintilifx dwar tifel jew persuna li jkunu qed jgħixu barra minn Malta meta dak it-tifel jew dik il-persuna jkunu qegħdin jagħmlu kura medika barra minn Malta jew ikunu għal btala għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew ikunu qegħdin jagħmlu kors ta' edukazzjoni *full time* fi skola jew f'istituzzjoni bħalha barra minn Malta.

Tfal li jkunu pazjenti fi sptar.

11. Ebda *allowance* ma titħallas dwar tifel jew persuna li jidħlu bħala pazjenti fi sptar jew f'istituzzjoni tal-Gvern meta dak it-tifel jew dik il-persuna jibqgħu f'dak l-isptar jew istituzzjoni għal perijodu kontinwu ta' iktar minn sitt xhur.

Ħlas ta' *allowance* barra minn Malta.

12. Meta kap ta' familja jikkwalifika għal *allowance* minħabba d-disposizzjonijiet tar-regolament 5 jew 7 ta' dawn ir-regolamenti, l-imsemmija *allowance* tista' titħallas barra minn Malta.

Tutur.

13. Bla ħsara għal-limitazzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 83 u 84 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 87 ta' l-Att, kap ta' familja —

(a) li jkollu l-kustodja effettiva ta' tifel jew persuna oħra, jew

(b) li miegħu dik il-persuna l-oħra, li tkun persuna ta' l-età ta' tmintax-il sena jew fuqhom, tkun normalment tirrisjedi,

iżda li ma jkunx, f'ebda każ minnhom wieħed mill-ġenituri ta' dak it-tifel jew dik il-persuna l-oħra, ikollu dritt jitlob jew jirċievi *allowance* dwar dak it-tifel jew dik il-persuna l-oħra meta —

(a) jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 86 ta' l-Att, u wieħed mill-ġenituri tat-tifel jew persuna jkun jissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) imsemmi; jew

(b) jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (a) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 86 ta' l-Att, u wieħed mill-ġenituri

tat-tifel jew persuna jissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subartikolu (1); jew

(ċ) fil-każ ta' tifel jew persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena, ikollu l-ħarsien legali ta' dak it-tifel jew dik il-persuna u jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 86 ta' l-Att.

Ħlas ta' *allowance* meta l-missier jkun imsiefer.

14. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlas ta' *allowance* jista'xorta jsir lill-omm jew lil dik il-persuna l-oħra kif jista' jiġi deċiż mid-Direttur tas-Servizzi Soċjali meta missier it-tifel jew persuna relattivi għalkemm ikunu qed jirrisjedu barra minn Malta jkollhom dritt għall-imsemmija *allowance* skond il-liġi.

Jirrevoka A.L. 43 ta' l-1975.

15. Ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-"*Allowance*" tat-Tfal qegħdin b'dan jiġu revokati.